MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1252/2000/1

**Il-Prokuratrici Legali Rose Sciberras**

**Vs**

**Waldonet Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fl-24 ta’ Gunju 2002, fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija meta giet milqugha t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ danni kagunati stante li gie indikat “websave internet access number” zbaljat u dana limitatament ghas-somma ta’ mitejn u tlieta u sebghin lira maltin u tnejn u hamsin centezimu (LM273.52) bl-ispejjes u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra s-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta kienet intavolat appella mis-sentenza fuq imsemmija permezz ta' rikors pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2002 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

L-attrici appellata pprezentat risposta fejn, naturlament, talbet il-konferma tas-sentenza appellata. Gara pero` li fil-mori ta' l-appell u cioe` fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2003, meta d-difensuri ttrattaw l-appell, din il-Qorti giet infurmata mid-difensur tas-socjeta` appellanti "*illi l-appellata giet rifuza l-ammont pretiz fl-avviz mis-socjeta` Datastream Limited, liema fatt jincidi fuq il-mertu tal-kawza*". Fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2003, ghal liema data l-kawza giet imhollija ghall-verifiki necessarji, id-difensur tal-appellata ivverbalizza "*illi effettivament l-appellata kienet gia` hallset l-ammont meritu tal-kawza meta giet prezentata l-kontijiet biss ghal dak li qed tallega l-kontroparti. Dr. Lia* (difensur ta' l-appellata) *spjega li l-patrocinata tieghu inghatat il-facilita` ta' kreditu sa' l-ammont ta' LM273.52 mis-socjeta` Terranet (sussidjarja tal-Maltacom) fuq kontijiet futuri b'effett mis-sena 2003. Fil-fatt l-appellata kwazi ezawrit dan il-kreditu u fadal bilanc ta' LM63.56 wara li gew komputati l-imghaxijiet fuq is-sorte skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.*"

Wara dan il-verbal issuccedew sensiela ta' differimenti bil-ghan li l-partijiet jaslu ghall-transazzjoni u fl-udjenza tat-12 ta' April, 2005 il-kawza giet ihollija ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjes in vista ta' dak li kien gie verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2004.

**Ikkunsidrat:**

Minn dak li gie verbalizzata hawn fuq, u li dwaru ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, jirrizulta li l-mertu tal-kawza, u konsegwentement l-iskop ta' l-appell, gie effettivament ezawrit. In effetti s-socjeta` konvenuta appellanti hallset, anke permezz ta' krediti favur l-attrici, mhux biss il-kapital izda wkoll l-imghaxijiet dovuti skond is-sentenza. Dan

jammonta ghall-akkwiexxenza ghas-sentenza appellata mill-parti sokkombenti u konsegwentement din il-qorti mhux tenuta tezamina l-meritu tal-appell tas-socjeta` konvenuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta billi tiddikjara li bil-hlas ta-sorte u l-imghaxijiet skond is-sentenza tal-prim istanza hemm accettazzjoni, mis-socjeta` konvenuta appellanti, tal-provvedimenti ta’ dik is-sentenza. Konsegwentement tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellanti thallas l-ispejjes kollha ta’ dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------